Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 76/22**
Lussemburgu, 5 ta' Mejju 2022

Stampa u Informazzjoni

Sentenza fil-Kawża C-83/20
BPC Lux 2 *et*

# Il-leġiżlazzjoni Portugiża li sservi bħala bażi għall-miżura ta' riżoluzzjoni tal-Banco Espírito Santo hija kompatibbli mad-dritt għall-proprjetà

*Billi ttraspona biss parzjalment id-direttiva dwar l-irkupru u r-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu qabel l-iskadenza tat-terminu ta' traspożizzjoni, il-Portugall ma kkompromettiex il-kisba tar-riżultat previst minnha*

Banco Espírito Santo SA (iktar 'il quddiem "BES") kien wieħed mill-istituzzjonijiet ta' kreditu prinċipali fis-sistema bankarja Portugiża. Minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja tagħha u r-riskju serju u gravi ta' nuqqas ta' eżekuzzjoni tal-obbligi tagħha, din l-istituzzjoni ta' kreditu kienet is-suġġett ta' deċiżjoni ta' riżoluzzjoni meħuda minn Banco de Portugal (il-Bank tal-Portugall) fit-3 ta' Awwissu 2014 (iktar 'il quddiem il-"miżura ta' riżoluzzjoni"). Din il-miżura, li ġiet adottata abbażi tal-leġiżlazzjoni nazzjonali fil-qasam tar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu [1], kif emendata b'Digriet-Liġi tal-1 ta' Awwissu 2014 [2], wasslet għall-ħolqien ta' bank tranżitorju, Novo Banco SA, li lilu ġew ittrasferiti ċerti attivi, passivi, entrati li ma jidhrux fil-bilanċ kontabbli u attivi li jinsabu taħt il-ġestjoni ta' BES.

Ir-rikorrenti fit-tilwima fil-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem "BPC Lux 2 *et*) huma proprjetarji ta' bonds subordinati maħruġa minn BES. Massa Insolvente kellha, direttament u indirettament, ishma fil-kapital azzjonarju ta' BES. Quddiem il-qrati amministrattivi nazzjonali, BPC Lux 2 *et* kif ukoll Massa Insolvente kkontestaw il-miżura ta' riżoluzzjoni u, f'dan il-kuntest, sostnew b'mod partikolari li din il-miżura ġiet adottata bi ksur tad-dritt tal-Unjoni.

Adita b'żewġ appelli ppreżentati minn dawn tal-aħħar, il-qorti amministrattiva suprema Portugiża kellha dubji dwar il-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni nazzjonali, li abbażi tagħha kienet ġiet adottata l-miżura ta' riżoluzzjoni ta' BES, mad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari mad-Direttiva 2014/59 [3] u mal-Artikolu 17 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta") [4], minħabba n-nuqqas ta' traspożizzjoni ta' sensiela sħiħa ta' ħtiġijiet stabbiliti f'din id-direttiva.

Barra minn hekk, din il-qorti staqsiet jekk il-leġiżlatur Portugiż setax jikkomprometti serjament ir-riżultat previst mid-Direttiva 2014/59 [5] bl-adozzjoni tad-Digriet-Liġi tal-1 ta' Awwissu 2014, li jittrasponi din id-direttiva parzjalment biss, qabel l-iskadenza tat-terminu ta' traspożizzjoni tagħha stabbilit għall-31 ta' Diċembru 2014.

Permezz tas-sentenza tagħha, **il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li l-leġiżlazzjoni nazzjonali, li abbażi tagħha ġiet adottata l-miżura ta' riżoluzzjoni ta' BES, hija kompatibbli mal-Artikolu 17(1) tal-Karta. Barra minn hekk, hija tiddeċiedi li t-traspożizzjoni, parzjali biss,**

---

[1] Regime Geral das Instituições de Crédito e Sociedades Financeiras (is-Sistema Ġenerali tal-Istituzzjonijiet ta' Kreditu u tal-Kumpanniji Finanzjarji), kif tirriżulta mid-Digriet-Liġi Nru 31-A/2012 tal-10 ta' Frar 2012.
[2] Digriet-Liġi Nru 114-A/2014 tal-1 ta' Awwissu 2014.
[3] Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/KE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2014, L 173, p. 190).
[4] L-Artikolu 17 tal-Karta jiggarantixxi l-protezzjoni tad-dritt għall-proprjetà.
[5] Skont il-prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza li ġejja mis-sentenza tat-18 ta' Diċembru 1997, Inter-Environnement Wallonie, C-129/96 (ara s-SS Nru 80/97), dwar l-obbligi tal-Istati Membri matul il-perijodu ta' traspożizzjoni ta' direttiva.

**minn Stat Membru, ta' ċerti dispożizzjonijiet ta' direttiva qabel l-iskadenza tat-terminu ta' traspożizzjoni tagħha, ma tistax, bħala prinċipju, tikkompromettí serjament il-kisba tar-riżultat previst minn din id-direttiva.**

**Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja**

Preliminarjament, il-Qorti tal-Ġustizzja teżamina l-applikabbiltà għat-tilwima fil-kawża prinċipali tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2014/59 [6] invokati. F'dan ir-rigward, hija tirrileva li t-terminu ta' traspożizzjoni ta' din id-direttiva skada fil-31 ta' Diċembru 2014. Minn dan isegwi li, fid-data tal-adozzjoni tal-miżura ta' riżoluzzjoni inkwistjoni, fit-3 ta' Awwissu 2014, dan it-terminu ta' traspożizzjoni kien għadu ma skadiex. Wara li tfakkar il-ġurisprudenza stabbilita tagħha f'dan il-qasam [7], il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva li r-rikorrenti fil-kawża prinċipali ma jistgħux jinvokaw quddiem il-qorti tar-rinviju dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2014/59, peress li dawn ma humiex applikabbli għat-tilwima fil-kawża prinċipali.

Fir-rigward tal-applikabbiltà tal-Artikolu 17 tal-Karta, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li, skont l-Artikolu 51(1) tagħha, id-dispożizzjonijiet ta' din tal-aħħar huma indirizzati lill-Istati Membri biss meta jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni. Wara li rrilevat, minn naħa, li d-Digriet-Liġi tal-10 ta' Frar 2012 kien intiż għall-implimentazzjoni ta' wieħed mill-impenji meħuda mir-Repubblika Portugiża fil-kuntest ta' Memorandum ta' Ftehim, konkluż mal-missjoni konġunta tal-Kummissjoni Ewropea, tal-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) u tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), dwar il-kundizzjonijiet tal-politika ekonomika u, min-naħa l-oħra, li d-Digriet-Liġi tal-1 ta' Awwissu 2014 jikkostitwixxi miżura ta' traspożizzjoni parzjali tad-Direttiva 2014/59, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li hemm, f'dan ir-rigward, implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, fis-sens tal-Artikolu 51(1) tal-Karta, b'tali mod li d-dispożizzjonijiet tagħha huma applikabbli għat-tilwima fil-kawża prinċipali.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva li l-Artikolu 17(1) tal-Karta jinkludi tliet regoli distinti. L-ewwel waħda, li hija espressa fl-ewwel sentenza u hija ta' natura ġenerali, tistabbilixxi l-prinċipju ta' rispett tal-proprjetà. It-tieni waħda, li tinsab fit-tieni sentenza ta' dan il-paragrafu, tirrigwarda ċ-ċaħda ta' proprjetà u tissuġġettaha għal ċerti kundizzjonijiet. Fir-rigward tat-tielet waħda, li tinsab fit-tielet sentenza tal-imsemmi paragrafu, din tirrikonoxxi lill-Istati s-setgħa, b'mod partikolari, li jirregolaw l-użu tal-proprjetà sa fejn ikun neċessarju għall-interess ġenerali. Il-Qorti tal-Ġustizzja żżid li dawn ma humiex regoli li ma għandhomx rabta bejniethom, bit-tieni u t-tielet regola jkunu jirrigwardaw eżempji partikolari ta' ksur tad-dritt għall-proprjetà, u li għandhom jiġu interpretati fid-dawl tal-prinċipju stabbilit fl-ewwel waħda minn dawn ir-regoli.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja teżamina, fl-ewwel lok, il-kwistjoni dwar jekk l-Artikolu 17(1) tal-Karta [8] huwiex applikabbli għal restrizzjonijiet għad-dritt għall-proprjetà ta' azzjonijiet jew ta' bonds negozjabbli fis-swieq tal-kapital bħal dawk f'din il-kawża. Wara li rrilevat, minn naħa, li l-protezzjoni mogħtija minn din id-dispożizzjoni tirrigwarda drittijiet li għandhom valur patrimonjali li minnhom tirriżulta, fid-dawl tal-ordinament ġuridiku kkonċernat, pożizzjoni ġuridika miksuba li tippermetti eżerċizzju awtonomu ta' dawn id-drittijiet minn u għall-benefiċċju tad-detentur tagħhom, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li dan huwa l-każ ta' dawn l-azzjonijiet jew bonds negozjabbli fis-swieq tal-kapital. Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li l-imsemmija azzjonijiet jew bonds ġew akkwistati legalment. Minn dan isegwi li dawn jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 17(1) tal-Karta.

Fit-tieni lok, **il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li miżura ta' riżoluzzjoni adottata konformement ma' leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni f'din il-kawża ma tikkostitwixxix ċaħda ta' proprjetà**, fis-sens tat-tieni sentenza tal-Artikolu 17(1) tal-Karta. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li **din il-miżura ta' riżoluzzjoni ma pprevedietx tneħħija ta' pussess jew**

---

[6] Jiġifieri, l-Artikoli 36, 73 u 74 tad-Direttiva 2014/59.

[7] Sentenzi Inter-Environnement Wallonie, iċċitata iktar 'il fuq; tas-17 ta' Jannar 2008, Velasco Navarro, C-246/06), kif ukoll tas-27 ta' Ottubru 2016, Milev, C-439/16 PPU.

[8] Skont l-Artikolu 17(1) tal-Karta, kull persuna għandha d-dritt li tgawdi mill-proprjetà tal-beni tagħha li tkun akkwistat legalment, li tużahom, li tiddisponi minnhom u li tħallihom bħala wirt. L-ebda persuna ma tista' tiġi mċaħħda mill-proprjetà tagħha, ħlief fl-interess pubbliku u fil-każijiet u skont il-kundizzjonijiet previsti fil-liġi, bi ħlas ta' kumpens xieraq fi żmien xieraq għal dak li tkun tilfet. L-użu tal-proprjetà jista' jiġi rregolat bil-liġi safejn ikun meħtieġ għall-interess ġenerali.

**esproprjazzjoni formali tal-azzjonijiet jew tal-bonds ikkonċernati. B'mod partikolari, l-imsemmija miżura ma ċaħħditx, b'mod forzat, sħiħ u definittiv lid-detenturi tagħhom mid-drittijiet li jirriżultaw minn dawn l-azzjonijiet jew minn dawn il-bonds.**

Fit-tielet lok, **xorta jibqa' l-fatt li l-adozzjoni ta' miżura ta' riżoluzzjoni konformement mal-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali**, li tipprevedi, b'mod partikolari, it-trasferiment ta' attivi ta' istituzzjoni ta' kreditu lil bank tranżitorju, **tikkostitwixxi regolamentazzjoni tal-użu tal-proprjetà**, fis-sens tat-tielet sentenza tal-Artikolu 17(1) tal-Karta, **li jista' jippreġudika d-dritt għall-proprjetà tal-azzjonisti tal-istituzzjoni ta' kreditu, li l-pożizzjoni ekonomika tagħhom hija affettwata, u dak tal-kredituri, bħalma huma d-detenturi ta' bonds, li l-krediti tagħhom ma ġewx ittrasferiti lill-istituzzjoni tranżitorja.**

Bħalma jsegwi mill-formulazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, l-użu tal-proprjetà jista' jiġi rregolat bil-liġi safejn ikun meħtieġ għall-interess ġenerali. Wara li eżaminat suċċessivament il-kundizzjonijiet previsti f'din id-dispożizzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li, **fid-dawl tal-marġni ta' diskrezzjoni li għandhom l-Istati Membri meta jadottaw deċiżjonijiet fil-qasam ekonomiku, it-tielet sentenza tal-Artikolu 17(1) tal-Karta ma tipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li ma tinkludix dispożizzjoni espressa li tiżgura li l-azzjonisti ma jbatux telf ikbar minn dak li kienu jġarrbu li kieku l-istituzzjoni kienet ġiet illikwidata fid-data li fiha ġiet adottata l-miżura ta' riżoluzzjoni (prinċipju *no creditor worse off*).**

Fir-raba' u l-aħħar lok, il-Qorti tal-Ġustizzja teżamina l-kwistjoni dwar jekk it-traspożizzjoni parzjali minn Stat Membru, f'leġiżlazzjoni nazzjonali dwar ir-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2014/59 qabel l-iskadenza tat-terminu ta' traspożizzjoni tagħha, tistax tikkompromettі serjament il-kisba tar-riżultat stabbilit mill-imsemmija direttiva, fis-sens tas-sentenza Inter-Environnement Wallonie.

Għal dan l-għan, hija tirrileva li t-terminu ta' traspożizzjoni tad-Direttiva 2014/59 skada fil-31 ta' Diċembru 2014, b'tali mod li r-Repubblika Portugiża ma tistax tiġi kkritikata li ma adottatx il-miżuri ta' implimentazzjoni ta' din id-direttiva fl-ordinament ġuridiku tagħha fid-data tal-adozzjoni tal-miżura ta' riżoluzzjoni, jiġifieri t-3 ta' Awwissu 2014. Xorta jibqa' l-fatt li, **matul it-terminu ta' traspożizzjoni ta' direttiva, l-Istati Membri destinatarji tagħha għandhom jastjenu milli jieħdu dispożizzjonijiet ta' natura li jikkompromettu serjament it-twettiq tar-riżultat stabbilit minn din id-direttiva.** Tali obbligu ta' astensjoni, li huwa impost fuq l-awtoritajiet nazzjonali kollha, għandu jinftiehem, minn naħa, fis-sens li jagħmel riferiment għall-adozzjoni ta' kwalunkwe miżura, ġenerali u speċifika, li tista' tipproduċi tali effett negattiv. Min-naħa l-oħra, sa mid-data li fiha direttiva tkun daħlet fis-seħħ, il-qrati tal-Istati Membri għandhom jastjenu, safejn huwa possibbli, milli jinterpretaw id-dritt intern b'mod li jista' jikkompromettі serjament, wara l-iskadenza tat-terminu ta' traspożizzjoni, il-kisba tal-għan imfittex minn din id-direttiva.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar, ċertament, li hija l-qorti nazzjonali li għandha tevalwa jekk id-dispożizzjonijiet nazzjonali li l-legalità tagħhom tiġi kkontestata humiex ta' natura li jikkompromettu serjament ir-riżultat previst minn direttiva, peress li tali verifika għandha neċessarjament issir abbażi ta' evalwazzjoni globali, billi jittieħdu inkunsiderazzjoni l-politiki u l-miżuri kollha adottati fit-territorju nazzjonali kkonċernat. Madankollu, **il-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar il-kwistjoni jekk it-traspożizzjoni parzjali minn Stat Membru, ta' ċerti dispożizzjonijiet ta' direttiva qabel l-iskadenza tat-terminu ta' traspożizzjoni tagħha, tistax, bħala prinċipju, tikkompromettі serjament il-kisba tar-riżultat stabbilit minn din id-direttiva.**

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva, qabelxejn, li hija diġà ddeċidiet li l-Istati Membri għandhom il-possibbiltà li jadottaw dispożizzjonijiet provviżorji jew li jimplimentaw direttiva fi stadji. F'tali ipoteżijiet, in-nuqqas ta' konformità ta' dispożizzjonijiet tranżitorji tad-dritt nazzjonali ma' din id-direttiva jew l-assenza ta' traspożizzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-direttiva ma jikkompromettux neċessarjament ir-riżultat stabbilit minnha. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis, f'ipoteżi bħal din, li tali riżultat dejjem ikun jista' jintlaħaq permezz tat-traspożizzjoni definittiva u kompleta tal-imsemmija direttiva fit-termini stabbiliti.

Sussegwentement, l-obbligu ta' astensjoni li tagħmel riferiment għalih il-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod partikolari fil-punt 45 tas-sentenza Inter-Environnement Wallonie, għandu jinftiehem bħala li jagħmel riferiment għall-adozzjoni ta' kull miżura, ġenerali u speċifika, li tista' tikkomprometti serjament il-kisba tar-riżultat stabbilit mid-direttiva inkwistjoni. Issa, **peress li l-adozzjoni minn Stat Membru ta' miżura hija intiża li tittrasponi, anki jekk parzjalment, direttiva tal-Unjoni, u li din it-traspożizzjoni hija korretta, l-adozzjoni ta' tali miżura parzjali ta' traspożizzjoni ma tistax titqies li tista' tipproduċi tali effett negattiv,** peress li din neċessarjament twettaq approssimazzjoni bejn il-leġiżlazzjoni nazzjonali u d-direttiva li din il-leġiżlazzjoni tittrasponi, u għalhekk tikkontribwixxi għat-twettiq tal-għanijiet ta' din id-direttiva.

---

**NOTA:** Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qrati tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*It-test sħiħ tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza*

*Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355*